A.L. 124 ta' l-1998

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA

(KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, (Kap. 128), il-Prim Ministru għamel ir-Regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjħa "ir-Regolamenti prinċipali". A.L. 846 ta' l-1949.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ġunju, 1998.

Jemenda l-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali.

2. L-Ewwel Skeda tar-Regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata bis-sostituzzjoni tal-partita 79 tagħha bil-partita ġdida li ġejja:

"79. (a) għall-ħruġ ta' liċenza bħala persuna liċenzjata biex tittestja taħt ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba għat-Triq 10.00

(b) dritt li għandu jitħallas minn operatur taħt kuntratt għal kull passaġġ għal testijiet fi stazzjonijiet awtorizzati biex isiru testijiet skond ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba għat-Triq, kull sena ..... 500.00".